# Ħidma bil-Qalb



**Carmen Cini**
***Kumitat Nisa***

Meta niġi biex nikteb dan il-messaġġ biex nitkellem ftit magħkom ta' kull sena, jiġini f'moħħi x-xogħol li għandna quddiemna speċjalment fil-ġimgħat ta' qabel il-festa. Veru li x-xogħol tagħna jibqa' sejjer matul is-sena kollha, imma fiż-żmien li ġej ikunu aktar impenjattiv u kuntatt.

Semmejt is-sena kollha u nista' ngħid li din is-sena kienet ta' unur kbir għas-soċjetà tagħna meta rajna s-sala tal-każin imżejna mill-isbaħ għal okkażjonijiet bħalma kienu l-esibizzjonijiet tal-presepji u tal-artiġjanat u kollezzjonisti. Kien hemm ukoll ħafna okkażjonijiet ta' ferħ u saħansitra ta' tieġ. Ma nistax ma nsemmix ukoll li s-sala nbidlet għal kollox meta ltaqa' l-Kabinett. Tieħu gost tara s-sala tibdel l-aspett tagħha għal kull okkażjoni.

Komplejna nagħmlu s-soltu xogħol tagħna b'attivitajiet matul is-sena, u l-*Coffee Morning* ta' kull xahar baqa' bħal snin oħra popolari ħafna. Attività li ma nistax ma nsemmix hija x-xalata tal-għada tal-festa. Il-pjazza tal-parroċċa reġgħet ħadet xejra ta' festa. Bil-kuluri ta' tliet *double deckers* imżejnin għall-okkażjoni u l-banda ta' grupp ta' żgħażagħ idoqqu fuq waħda minnhom taw veru spettaklu. Ir-rispons ta' din l-attività kien ta' appoġġ kbir għalina sew minn sħabna membri u l-ħbieb tagħhom kif ukoll minn xi emigranti li kienu hawn biex igawdu l-festa magħna. Inweġħdukom li nerġgħu niltaqgħu din is-sena.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringazzja lil sħabi tal-kumitat għax-xogħol siewi li nagħmlu matul is-sena. Nirringrazzja wkoll lil Kumitat Amministrattiv tal-fiduċja li dejjem uriena.

Ma nistax nagħlaq qabel ma nsellem lill-għeżież tagħna morda u ngħidulhom li ma ninsewhom qatt. Min qalbi nsellem ukoll lil dawk l-emigranti li hawn fostna.

Il-Festa t-tajba lil Melleħin kollha.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*